# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 253/2015**

Il-Pulizija

vs

**Francesco Schembri**

iben Antonio, imwieled Zejtun fis-26 ta' Awwissu, 1957, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 599257(M)

U

**Kenneth Grima**

iben Henry, imwieled Valletta fid-29 ta' Gunju, 1958, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 526858(M)

Illum, 14 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Francesco Schembri u Kenneth Grima quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli Fil-kwalita' tagħkhom ta' Diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rappreżentanti ġuridiċi tas-soċjeta kummerċjali **C. & F. Building Contractors Limited (C15308),** b'indirizz reġistrat 'Schemson', Ħal Far Road, Birżebbuġa, Malta, u/jew bħala l-persuni li kontu nkarigati mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex tħallsu l-pagi dovuti, inqastu li tħallsu l-**Pagi** dovuti għal perjodu ta' bejn l-4 ta' Novembru, 2013 u t-13 ta' Novembru, 2013, ammontanti għal **€192.24**, inqastu li tħallsu l-***Vacation Leave*** dovuti għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2013 u l-15 ta' Novembru, 2013, ammontanti għal **€155.39**, inqastu tħallsu l-**Bonus Statutorju** dovut għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju, 2013 u l-15 ta' Novembru. 2013, ammontanti għal **€102.12**, inqastu li tħallsu l-**Leave tal-Mard** dovut għal perjodu ta' bejn l-14 ta' Novembru, 2013 u l-15 ta' Novembru, 2013, ammontanti għal **€85.44**, inqastu li tħallsu s-**Sahra** dovuta għad-9 ta' Novembru, 2013, ammontanti għal **€56.07**, u nqastu li tħallsu l-**Weekly Allowance** dovut għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2013 u l-15 ta' Novembru, 2013, ammontanti għal **€31.69** li b'kollox jammontaw għal sitt mija tnejn u għoxrin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu **(€622.95)**, inklużi t-taxxa u l-bolla, u li kienu dovuti lil-ex-impjegat tagħkhom, u cioe' lil Gaser Salman Darman (ID. Numru 46069A), fil-15 ta' Novembru, 2013.

Għaldaqstant, il-Qorti giet mitluba tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu l-penali skont il-Liġi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 ta' l-2003, kif emendat bl-Avviż Legali 427 ta' l-2007, sabiex iħallsu lil **Gaser Salman Darman (ID. Numru 46069A)** l-ammont ta' sitt mija tnejn u għoxrin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu **(€622.95)**, għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 22, 22(2), 23, 36, 45, 46, u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 8(1), 8(4), 8(5) u 22 tal-Avviz Legali 247 ta' l-2003, hekk kif emendat mill-Avviz Legali 427 ta' l-2007 u ir-Regolamenti 7, 8 u 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 452.59, il-Qorti laqghet l-accezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputati u iddikajrat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati bhala preskritta ai termini tal-artikolu 47 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata wara li tisma' dan l-appell u minflok ssib lill-appellati Francesco Schembri u Kenneth Grima ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi jew in linea sussidjarja terġa tibgħat lura l-atti ta' dawn il-proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tkompli tinstemgħa l-kawża skont il-Liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-erbgħatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-esponent Avukat Ġenerali irċieva l-atti tal-kawża odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat li din l-azzjoni kienet preskritta, meta fil-fatt skont il-ligi din l-azzjoni penali ma kinetx ghadha estinta bl-effett tal-preskrizzjoni kif ukoll ma ħallietx lill-prosekuzzjoni tippreżenta provi ndispensabbli fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u b'hekk l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ukoll applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-ipotezi tal-Ligi.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest, stante li jirriżulta mis-sentenza appellata illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni meta din l-azzjoni penali ma kienitx fil-fatt preskritta. Illi jirriżulta minn qari akkurat tal-artikolu 47 tal-Kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta li proċedimenti penali msejsa fuq dan l-Att jew skont regolamenti magħmulin taħtu jaqgħu preskritti <u>biss</u> wara li tkun iddekorriet sena minn mindu jkunu saru r-reati jew minn meta r-reat ikun ġie perfezzjonat (stante li f'dan il-każ japplika l-prinċipju tar-reat kontinwat). Infatti dan l-Artikolu jgħid:

*47. (1) <u>Proċedimenti għal reat skont dan l-Att jew skont xi regolamenti jew ordnijiet magħmulin taħtu jistgħu jinbdew f'kull żmien fi żmien sena mill-għemil tar-reat</u>.*[1]
*(2) Fejn ir-reat jirreferi għan-nuqqas mill-prinċipal li jħallas il-paga lil-impjegat jew in-nuqqas li jagħti vaganzi bi ħlas kif meħtieġ b'dan l-Att jew kif speċifikat b'xi ordni ta' standard*

[1] Sottolinear tal-esponent.

*nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur, ir-reat jitqies li hu reat kontinwat jekk il-prinċipal jkun naqas li jħallas il-pagi dovuti lill-impjegat regolarment matul il-perjodu ta' preskrizzjoni.*[2]

Illi l-prosekuzzjoni għandha f'idejha provi li juru li l-appellati ġew debitament u regolarment notifikati qabel ma ddekorriet sena mid-dati tar-reati addebitati lilhom. Illi jrid jiġi rilevat li r-reati se mai kienu jibdew jaqgħu preskritti mill-14 ta' Novembru 2014. Illi madanakollu r-riferti tan-notifika jindikaw li l-appellati ġew notifikati qabel l-14 ta' Novembru 2014. Hawnhekk l-esponent ser jirriproduċi id-dati tan-notifika tal-appellati rispettivament:

Illi fir-rigward tar-referta ta' Francesco Schembri, huwa ġie notifikat bi tlett komparixxi fid-dati segwenti:

1. l-ewwel waħda ġiet imqassma lill-mara tiegħu Margaret Schembri (ID. 463555M) fir-residenza tiegħu 'Madalena' Triq il-Madliena Swieqi nhar it-<u>12 ta' Novembru 2014</u>;
2. It-tieni waħda ġiet imqassma li-tifla tiegħu fir-residenza ta' 'Framarg' Triq Joseph Montebello, Tarxien fit-<u>12 ta' Novembru 2014</u>;
3. It-tielet waħda tqassmet lil Carmen Tabone (ID. 25689M) ġewwa C&F Building Contractors Ltd, Hal Far Road, Birżebbuġa fit-<u>13 ta' Novembru 2014</u>;

Illi għalhekk jirriżulta b'mod ċar li Francesco Schembri ġie notifikat qabel ma skatta t-terminu tal-preskrizzjoni u tant huwa hekk li anke kien preżenti għall-ewwel seduta ndikata fil-komparixxi u cioe' nhar l-4 ta' Frar 2015.

Illi rigward ir-referta ta' Kenneth Grima, hu wkoll ġie notifikat bi tlett komparixxi f'dawn id-dati:

1. l-ewwel waħda ġiet imqassma lill-Kenneth Grima personalment ġewwa l-fond 198, Old Bakery Street, Valletta nhar it-<u>12 ta' Novembru 2014</u>;
2. It-tieni ġiet imqassma ukoll lilu personalment ġewwa l-fond 17, Villa San Anton, Triq Birkirkara, Attard nhar it-<u>12 ta' Novembru 2014</u>;
3. It-tielet waħda tqassmet lil Carmen Tabone (ID. 25689M) ġewwa C&F Building Contractors Ltd, Hal Far Road, Birżebbuġa fit-<u>13 ta' Novembru 2014</u>;

---

[2] Artikolu 47 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi minn dawn il-provi jirriżulta kjarament li Kenneth Grima ġie notifikat fit-12 ta' Novembru, 2014 u cioe' qabel ma kien jiskatta t-terminu ta' preskrizzjoni. Illi minkejja l-fatt li l-prosekuzzjoni segħtat tellgħat dawn il-provi ndispensabbli sabiex tirribatti b'manjiera effikaċi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mid-difiża, madanakollu ma tħallietx tagħmel dan mill-Qorti stess. Infatti wieħed irid iqis li d-difiża eċċepiet il-preskrizzjoni fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, fejn il-prosekuzzjoni tablet differiment jew saħansitra posponiment tal-kawża sabiex tirregola ruħa u tkun tista' ġġib il-provi sabiex tkun f'pożizzjoni ħalli twieġeb għal din l-eċċezzjoni. Il-Qorti ma laqgħatx din it-talba tal-prosekuzzjoni (liema talba għal xi raġuni ma ġietx verbalizzata) u iddikjarat li dawn il-proċedimenti huma preskritti. Illi hemm l-uffiċjal Prosekutur u l-Avukati tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali, li kienu preżenti in awla xhieda ta' dan.

Kif segħtat il-prosekuzzjoni tkun taf minn qabel li l-appellati kienu ser jeċċepixxu l-preskrizzjoni u jkollha l-provi lesti dak il-ħin? Kellhu jingħata imqar posponiment jekk mhux differiment sabiex tkun tista tirribatti l-asserzjonijiet tad-difiża li tqajmu dak il-ħin seduta stante.

Illi inoltre, apparti li l-prosekuzzjoni ma tħallietx tirribatti l-argument tad-difiża, l-appellati ma pproduċew l-ebda prova favur it-teżi tagħhom u cioe' li l-proċeduri kriminali odjerni huma preskritti. Huwa prinċipju bażiku fil-Liġi u ormai kristallizzat fil-ġurisprudenza nostrana li min jallega jrid jipprova u f'dan il-każ il-preskrizzjoni ma ġietx pruvata. Huwa faċli ferm li wieħed jirbaħ l-argument, meta l-parti l-oħra ma titħalliex tesponi l-argumenti u l-provi tagħha!

Illi l-esponent ma jistax jifhem ukoll kif fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet li rat il-provi kollha prodotti, eżaminat id-dokumenti kollha eżebiti, ħadet in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u semgħat ix-xhieda mressqa. Illi huwa ċar li l-prosekuzzjoni lanqas biss tħalliet tippreżenta l-provi tagħha u lanqas l-appellati ma ppreżentaw il-provi in sostenn tat-teżi tagħhom. Lanqas xhieda ma ttellgħu, tant hu hekk li l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni ma kienx infetaħ stante li l-Qorti ddikjarat li dawn l-proċedimenti penali huma preskritti. Mill-proċess tal-kawża odjerna jidher ċar li l-Qorti ma rat l-ebda prova (la favur u lanqas kontra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni) u ma semgħat l-ebda xhud. L-esponent huwa kemxejn sorpriż meta

l-Qorti tgħid li ħadet in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, wara li ma tatx l-opportunita lill-prosekuzzjoni tirribatti t-teżi tal-appellati.

Illi in konklużjoni l-prosekuzzjoni ma tħallietx ittellgħa provi u xhieda indispensabbli li kjarament juru li l-proċedimenti kriminali odjerni ma humiex preskritti, iżda li l-appellati ġew notifikati skont il-Liġi fil-ħin. Għalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma segħtatx tilqa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni speċjalment u partikolarment qabel ma tkun rat u semgħat dak li għandha xi tgħid il-prosekuzzjoni, fejn qed issostni bil-provi li l-akkużi mhumiex preskritti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell tal-Avukat Generalijdur fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ma hallitx lill-prosekuzzjoni tipproducji l-provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt, fil-korp ta' l-appell hemm indikat li l-prosekuzzjoni ghandha f'idejha r-referti tal-appellati minn fejn jirrizulta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi nfondata.

Illi fl-ewwel lok, ghandu jigi rilevat li dan hu kaz sommarju u kwindi l-prosekuzzjoni kellha jkollha l-provi kollha taghha ad dispozizzjoni. Hi haga bazika fil-kawzi sommarji li l-prosekuzzjoni dejjem ikollha maghha r-referti kollha tal-partijiet. Milli jidher f'dan il-kaz ma garax hekk. Kieku kellha r-referti ad dispozizzjoni d-dmir taghha kienet li tezebihom.

Illi l-Avukat Generali qed jilmenta li l-ewwel Qorti ma tat ebda chance lill-prossekuzzjoni biex tressaq il-provi taghha. Mill-atti jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma ghamlet ebda talba fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2015 ghal differiment. Hi prassi tal-Qrati taghna li jekk parti trid li tivverbalizza l-gudikant sedenti jaghti l-permess tieghu, li qatt ma jigi michud, u jsir il-verbal. Din il-Qorti

ssibha stramba li f'dan il-kaz ma sarx hekk tenut kont tal-fatt li l-prosekuzzjoni kellha avukat li kienet qed tassistiha.

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-appellati tidher gustifikata u din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tbiddel il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.